MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2011

Rikors Numru. 59/2005/1

**Dominic Cutajar [ID 120538(M)], Maria Melita Tabone [ID 41481(M)], Giorgina sive Gina Formosa [ID 170046(M)], u l-Avukat Dr. Tanya Sciberras Camilleri [ID 310267(M)] bhala mandatarja specjali tal-imsiefra Carmen Geske**

**vs**

**Carmelo Formosa**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid:

Illi huma proprjetarji tal-fond 129, bl-isem ‘Carmel Garage’ (gja ‘St Dominic’) Cannon Road, Santa Venera versu l-kera ta’ tmien mitt lira [Lm800] fis-sena, pagabbli fl-1 ta’ Marzu, fl-1 ta’ Gunju, fl-1 ta’ Settembru u fl-1 ta’ Dicembru ta’ kull sena bil-quddiem;

Illi l-intimat huwa moruz fil-hlas tal-arretrati tal-kera dovuta fuq l-istess fond ghall-iskadenzi tal-1 ta’ Marzu 2003, tal-1 ta’ Gunju, 2003, tal-1 ta’ Dicembru, 2003, tal-1 ta’ Settembru, 2003 u tal-1 ta’ Marzu, 2004;

Illi nonostante illi l-intimat gie debitament interpellat diversi drabi sabiex ihallas il-kera dovuta, inkluz permezz ta’ hames ittri ufficjli u cioe wahda ghall kull skadenza, huwa baqa’ inadempjenti;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti jitolbu li jigu awtorizzati minn dan il-Bord sabiex jirriprendu l-pussess tal-fond u sabiex dan il-Bord jiffissa perjodu qasir u perentorju ghall-izgumbrament tal-intimat mill-istess fond;

Ra r-risposta tal-intimati li permezz taghha eccepew:

Illi l-gudizzju mhux integru peress li mart l-esponent kellha tkun parti fil-kawza stante li din il-kirja tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti.

Illi fit-tieni lok, sal-lum dan il-Bord ma hux kompetenti li jiehu konjizzjoni tat-talbiet ghar-ragunijiet li jigu spjegati fil-kors ta’ din il-kawza.

Illi fit-tielet lok u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-esponent ma hux moruz fil-pagamenti tal-arretrati tal-kera, fis-sens kif trid il-ligi u ghall-finijiet tat-talbiet tar-rikorrenti.

Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Semgha ukoll l-ammissjoni tal-intimat kif dikjarata fis-seduta tal-lum 14 ta’ Marzu, 2011 fil-presenza tal-avukat difensur tieghu;

Stante ammissjoni, dan il-Bord qieghed jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u ghalhekk jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-fond kif ahjar deskritt fir-rikors promutur u dan wara erba (4) gimghat mil-lum;

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------